MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# ID-DISÁ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Il-Ġimgħa, 27 ta' Frar, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556*

## 23.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

23.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 23.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

23.2.1 Il-membri tal-Kunsill flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, esprimew is-sogħba tagħhom u wasslu l-kondoljanzi lis-Sindku wara t'telfa ta' missieru. Is-Sindku kemm personalment kif ukoll f'isem il-familja tiegħu, esprima l-apprezzament tiegħu lejn kulħadd għall-appoġġ u s-solidarjetà murija miegħu f'dawn il-jiem diffiċli.

23.2.2 Is-Sindku qal illi hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma Elizabeth Ebejer mill-*Malta Libraries* dwar il-*Literacy Week* 2026. Ġew diskussi diversi temi fejn fost l-oħrajn l-użu tal-anfiteatru għall-attivitajiet li jippromwovu l-qari. Is-Sindku qal ukoll illi hemm bżonn jinxtara xi dawl għall-librerija għax hemm id-dlam. Il-Kunsill qabel.

23.2.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara li ressaq żewġ applikazzjonijiet u ġew aċċettati, ġew iffirmati żewġ kuntratti mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal dawn l-attivitajiet:

- Dwejra *Spring Festival* 2026 - €5,000;
- Sqaqien 2026 – €8,500.

23.2.4 Saret il-laqgħa mal-kuntrattur li kien ħa l-offerta tal-pjazza. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kuntrattur aċċetta li jaħdimha bl-istess prezz, għaldaqstant għandu jinbeda x-xogħol fix-xhur li ġejjin wara li jiġi ffirmat il-kuntratt.

23.2.5 Dwar is-sitwazzjoni tal-*generator* tad-Dwejra s-Sindku qal illi tkellem mal-ERA fejn ġiet diskussa l-possibilità li jsiru l-pannelli minflok. Dan jista jsir billi ssir trinka u jinkera l-bejt tal-Kappella biex ikunu jistgħu jsiru l-pannelli fuqu. Il-Kunsill qabel illi jitqabbad Josef Micallef mill-EneMalta biex jagħmel *assessment* kemm jintuża dawl fiċ-Ċentru biex inkunu nafu l-ammont ta' pannelli li għandna bżonn.

23.2.6 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi joħroġ l-offerti tal-*Playing Field* u dik tal-*cameras* tas-sigurta.

23.2.7 It-tabib li bħalissa qed jagħti s-servizz tiegħu lir-residenti kull nhar ta' Sibt ser jirtira fl-aħħar ta' Mejju. Għaldaqstant is-Sindku qal illi rridu nsibu lil xi ħadd ieħor. Huwa ssuġġerixxa lil Dr. Lorna Attard. Il-Kunsill qabel u ġie deċiż illi jekk ma taċċettax għandu jiġi avviċinat Dr. Xuereb Curmi.

23.2.8 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsilliera l-fatt li t-teleskopji li għandna mgħottija mhux jintlaħaq l-iskop tagħhom. Il-Kunsill qabel illi dawn jinkixfu sabiex jibdew jintużaw minn kulħadd.

23.2.9 Is-Sindku qal illi hemm bżonn tinxtara *key lock* għaċ-ċavetta tal-van. Il-Kunsill qabel.

23.2.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi r-rotta tal-5K Run ser tkun bħas-snin ta' qabel.

23.2.11 Is-Sindku ppropona li jsiru *bollards* u jkun hemm *traffic management*, jew xi ħaġa simili fi Triq il-Wileġ minħabba periklu li jeżisti. Il-Kunsill qabel li jittieħed parir għall-aħjar soluzzjoni.

23.2.12 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- Case 6/2026 – Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill innomina lill-*Assistant Principal* Claire Hili sabiex tokkupa din il-pożizzjoni;
- Espressjoni ta' Interess Minn Pjazza għal Pjazza 2026;
- *Call for the Position of Executive Secretary*;
- Proġetti mwettqa mill-Kunsilli Lokali;
- 'Sidewalk Libraries in your Locality';
- *Skills Assessment Survey – TSI Project*;
- 'Possible Town Twinning with Jericho, Palestine'.

23.2.13 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/011 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel illi jkun parti minn din il-polza;
- Ċirkulari AKL 2026/012 *Personal Accident Policy*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat illi l-Kunsilliera flimkien ma' l-ASE u l-*Assistant Principal* huma parti mill-*policy* li għandu l-Kunsill. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-ammont pagabbli jekk jinqala xi aċċident huwa ferm anqas minn dak ikkwotat fil-*policy* tal-AKL. Il-Kunsill qabel illi peress li l-kunsilliera flimkien ma' żewġ membri mill-i*staff* huma koperti mill-*personal accident policy* tal-assigurazzjoni tal-Kunsill, m'għandux isir il-ħlas tagħhom mal-AKL. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi l-ħaddiema l-oħra ikunu koperti minn din il-*policy* u din il-materja terġa tiġi diskussa meta tiskadi l-*policy* li għandu ma' Laferla Insurance Agency Ltd.;
- Ċirkulari AKL 2026/016 Żjara ta' Studju f'Rimini;
- Ċirkulari AKL 2026/018 *Bus Shelters Seminar* 26/03/2026;
- Ċirkulari AKL 2026/020 *GovTech4All* – Malta *Local Councils AI Pilot*.

23.2.14 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:

- *European Region of Gastronomy* 2026 *Events*. Il-Kunsill ser jibgħat l-informazzjoni mitluba;
- Skema Reġjonali – Sena tal-Gastronomija 2026. Din l-iskema hemm allokat għaliha €5,000. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb japplika għal din l-iskema;
- *ERA Hot Spot Inspection Statistics and locations to be included in future list*.

23.2.15 Korrispondenza mill-ERA:

- ERA Awards 2026: Call for Submissions;
- PC Notification PC00052/25;

- *Partial Review of Local plans to align with the commercialisation of sports facilities regulations.*

23.2.16 Ġie mħejji r-rapport dettaljat tal-attività li saret 'Minn Pjazza għal Pjazza' f'Novembru li għadda. Dan intbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

23.2.17 Konferma tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni – Interreg VI-A Italy-Malta, Project ID 00245.

23.2.18 Korrispondenza mill-GRDA bis-suġġett 'Cohesion and Social Inclusion Programme – Possibility of Using Facilities in Local Councils/or Locality'. Il-Kunsill qabel illi jgħaddi l-informazzjoni mitluba sabiex tkun tista tintuża s-sala fiċ-Ċentru Parrokkjali.

23.2.19 Talba mill-Perit Emanuel Vella għal rilaxx ta' garanzija relatata mal-permess nru. PA/04379/19. Il-Kunsill unanimament qabel illi jirrilaxxja din il-garanzija peress li x-xogħol huwa komplut.

23.2.20 Korrispondenza bis-suġġett ' Request to Support Humane Alternatives for Managing Our Local Pigeon Population'.

23.2.21 Korrispondenza minn Transport Malta dwar iż-*zebra crossing* fi Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament mal-post fejn ġiet proposta li ssir u għaldaqstant ser jinforma lil TM b'dan.

23.2.22 Proposta għall-appoġġ tal-Kunsill Lokali għad-Dikjarazzjoni ta' Verdala dwar il-persuni mingħajr saqaf fuq rashom 2025. Il-Kunsill qabel illi jappoġġja din l-inizjattiva.

23.2.23 Kwotazzjoni mingħand Sultech biex jitranġa l-*bin* ta' taħt l-art li tammonta għal €230 + VAT. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lil Sultech sabiex jirranġaħ.

23.2.24 Proposta għall-proġett 'Marine Center eDNA Project outline'. Il-Kunsill qabel illi jkun parti minn dan il-proġett flimkien mad-Dwejra *Marine Centre*. Għal dan il-proġett il-Kunsill ma jridx joħroġ finanzi.

23.2.25 Sar qbil illi nissieħbu mal-Aġenzija MIEMA, fi proġett ta' pannelli ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku qal illi talab garanzija li l-Kunsill mhux ser joħroġ flus għal dan il-proġett.

23.2.26 Talba għall-*personal reserved parking bay* għal persuna li għandha l-*blue badge* fi Triq ir-Rokon. Il-Kunsill qabel illi jibgħat din l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

23.2.27 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet illi jingħalqu l-kontijiet li hemm fil-Bank Ċentrali ta' Malta issa li l-proġetti tal-EU huma kollha finalizzati. Il-Kunsill qabel.

## 23.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

23.3.1 Issemmiet il-konsultazzjoni tad-Dwejra. Wara diskussjoni, ġie propost illi ssir laqgħa mal-ERA dwar dan is-suġġett.

23.3.2 Il-Viċi Sindku qal illi filwaqt li nnota li għal sena oħra l-attività tal-Karnival kienet suċċess, issuġġerixxa li tingħata tifkira lill-kompetituri kollha. Il-Kunsill qabel unanimament.

23.3.3 Il-Viċi Sindku qal illi peress illi t-tim tal-*football* wasal fil-final, ikun tajjeb illi tinġab banda fil-*ground* għal din l-okkażżjoni. Il-Kunsill qabel.

## 23.4 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* 2025;

23.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2025 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-membri.

23.4.2 L-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2025 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 23.5 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* Jannar 2025 – Diċembru 2025 (Ir-Rabà Kwart);

23.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

23.5.2 Ir-rapport finanzjarju tar-rabá kwart Jannar 2025 – Diċembru 2025 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 23.6 L-aħħar preparazzjonijiet tal-attività fid-Dwejra-8 ta' Marzu 2026;

23.6.1 Il-Kunsill għaddej bl-aħħar preparazzjonijiet għall-attività li ser tittellà fit-8 ta' Marzu flimkien mal-ERA. Il-programm u l-loġistika tiegħu qed jiġu ffinalizzati.

23.6.2 Is-Sindku qal illi ser ikun hemm diversi attivitajiet immirati għall-familja kollha u ħeġġeġ lill-membri sabiex imexxu l-kelma ħalli din l-attività tirnexxi.

## 23.7 Għajnuna lill-bdiewa fil-ġbir ta' plastik mill-għelieqi;

23.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi avviċinawħ diversi bdiewa bil-preokkupazzjoni tagħhom ta' kif jistgħu jiddisponu mill-plastik li jużaw fl-għelieqi.

23.7.2 Huwa ssuġġerixxa illi jinġab *open skip* ta' darba sabiex jiġi użat għal dan il-għan. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ser jiġi diskuss mal-bdiewa meta huwa l-aħjar żmien li jinġab l-imsemmi *skip*.

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

23.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 20 għal perjodu ta' bejn it-30 ta' Jannar 2026 u s-27 ta' Frar 2026 li tammonta għal €37,327.72 ġiet approvata u ffirmata.

## 23.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026 fis-6.00p.m.

Ikkonfermati, nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026.

Noel Formosa
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv